MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 1545/2010

**Sterling Car Rentals Limited (C-9362)**

**vs**

**Kevin Gatt (ID 165974M)**

**It-Tribunal,**

**Ra** l-Avviz fejn il-premessi kienu hekk:-

In forza ta' skrittura privata ta' lokazzjoni datata 1 ta' Mejju 2002, is-socjeta' attrici kriet lill-konvenut il-flat numru 3, 'Paula Flats', Triq Emmanuel Galizia, Ta' Xbiex ghaz-zmien ta' tlett (3) snin b'effett mill-1 ta' Mejju 2002, versu l-kera ta' hamsin Lira (LM50), illum ekwivalenti ghal mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin Ewro centezmu (€116.47c) kull xahar, pagabbli tlett (3) xhur bil-quddiem, u taht il-pattijiet u kundizzjonijiet stipulati fl-imsemmi ftehim, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dok A".

Illi l-lokazzjoni ta’ l-imsemmi fond lill-konvenut baqghet tigi mgedda tacitament u giet fit-tmiem taghha fis-26 ta’ Gunju 2007, meta l-istess konvenut ivvaka l-fond u hallieh vojt u liberu a favur is-socjeta’ attrici.

Illi ghadha dovuta mill-konvenut lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, mitejn u wiehed u tmenin Ewro u sittax-il Ewro centezmu (€1,281.16c), rapprezentanti arretrati ta’ kera dovuti ghall-perjodu ta’ bejn Awwissu 2006 u Gunju 2007.

Illi minkejja diversi interpellanzi mis-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jersaq ghall-hlas ta’ l-arretrati ta’ kera imsemmija hawn fuq, il-konvenut baqa’ inadempjenti.

**Ra** t-Talba biex il-konvenut jigi kundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma kumplessiva ta’ elf, mitejn, wiehed u tmenin Ewro u sittax-il centezmu (€1,281.16c), rapprezentanti arretrati ta’ kera dovuti ghall-perjodu ta’ bejn Awwissu 2006 u Gunju 2007, ghall-kiri lilu tal-flat numru 3, ‘Paula Flats’, Triq Emmanuel Galizia, Ta’ Xbiex.

Bl-ispejjez inkluzi tal-prezenti u tal-Mandat ta’ Sekwestru fl-ismijiet Sterling Car Rentals Limited vs Kevin Gatt ipprezentat kontestwalment ma din it-talba, u bl-imghaxijiet legali kalkolati minn Awwissu 2006 sad-data tal-pagament effettiv.

**Ra** li l-konvenut ma giex notifikat bl-Avviz

**Ra** li minkejja nuqqas ta’ notifika, fl-udjenza tad-9 ta’ Dicembru 2010 giet mill-konvenut prezentata Nota li permezz taghha giet ammessa t-talba kif dedotta.

**It-Tribunal**

In vista tal-ammissjoni msemmija jghaddi biex jilqa t-talba attrici kif dedotta u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, mitejn, wiehed u tmenin Ewro u sittax-il centezmu (€1,281.16c), bl-ispejjes kollha kif mitluba u bl-imghax legali mill-26 ta’ Gunju 2007 sal-jum tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------